V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

SEJĦA GĦALL-PROPOSTI – EACEA/36/10

Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti fl-Edukazzjoni Għola u t-Taħriġ Professjonali

Atlantis: Azzjonijiet għal Rabtiet Transatlantiċi u Netwerks Akkademiċi fit-Taħriġ u l-Istudji Integrati

Sejħa għal proposti 2011

(2011/C 2/02)

1. **Għanijiet u Deskrizzjoni**

L-għanijiet ġenerali huma li jippromwovu fehim reċiproku bejn il-popli tal-Komunità Ewropea u tal-Istati Uniti tal-Amerka, inkluż tagħrif usa' dwar il-lingwi, il-kulturi u l-istituzzjonijiet tagħhom u kif ukoll titjieb il-kwalità tal-iżvilupp tar-riżorsi umani kemm fil-Komunità Ewropea kif ukoll fl-Istati Uniti tal-Amerka;

2. **Applikanti eliġibbli**

Il-preżentazzjoni ta' talbiet għal għotjiet fl-ambitu ta' din is-sejħa hija miftuħa għall-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u għall-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ professjonali (inklużi *Community Colleges* fl-Istati Uniti). Għall-Miżuri b'Orjentament Politiku, is-sejħa hija miftuħa għal organizzazzjonijiet oħra bħal aġenziji ta' akkreditament, aġenziji jew organizzazzjonijiet edukattivi, kumpaniji privati, gruppi industrijali u kummerċjali, organizzazzjonijiet mhux governattivi, istituti tar-riċerka u korpi professjonali. L-applikanti eliġibbli jridu jkunu stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea.

Konsorzju li japplika għall-programm Atlantis irid jissodisfa l-kriterji ta' sħubija li ġejjin:

— *Il-Proġetti ta' Lawrja Transatlantika* jridu jinkludu wieħed miż-żewġ konsorzja/għażliet:

(1) ta' sħubija: mhux inqas minn żewġ istituzzjonijiet tal-UE minn Stati Membri tal-UE differenti u istituzzjoni mill-Istati Uniti

jew

(2) mhux inqas minn żewġ istituzzjonijiet tal-UE minn Stati Membri tal-UE differenti u żewġ istituzzjonijiet mill-Istati Uniti (mill-istess stati jew differenti).

— *Eċċellenza fi proġetti ta' mobilità* jridu jinkludu mhux inqas minn żewġ istituzzjonijiet tal-UE minn Stati Membri tal-UE differenti u żewġ istituzzjonijiet mill-Istati Uniti (mill-istess stati jew differenti). Sħubiji addizzjonali 'l fuq min-numru minimu ma jżidux il-baġit.

— *Il-miżuri politiċi ta' orjentazzjoni* jridu jinkludu mhux inqas minn minn żewġ istituzzjonijiet tal-UE minn Stati Membri tal-UE differenti u żewġ istituzzjonijiet mill-Istati Uniti (mill-istess stati jew differenti). Sħubiji addizzjonali 'l fuq min-numru minimu ma jżidux il-baġit.

3. **Azzjonijiet eliġibbli u t-tul tagħhom**

Hemm tliet tipi ta' azzjonijiet fl-ambitu ta' din is-sejħa, li huma:

Azzjoni 1 – Proġetti ta' Konsorzji ta' Lawrji Universitarji Transatlantiċi

Din l-Azzjoni tipprovdi appoġġ għall-konsorzji tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla fl-UE u fl-Istati Uniti (minn hawn 'il quddiem imsejħin "konsorzju") biex jimplimentaw programmi duppliċi/doppji jew konġunti ta' lawrji universitarji li f'dan id-dokument issir referenza għalihom bħala "Lawrji Transatlantiċi". L-appoġġ jinkludi għotjiet ta' mobilità għall-istudenti u l-membri tal-persunal akkademiku u amministrattiv ("fakultà").

Azzjoni 2 – Proġetti ta' Mobilità b'Eċċellenza

Din l-Azzjoni tipprovdi fondi għal proġetti internazzjonali ta' żvilupp tal-kurrikulu li jinvolvu mobilità transatlantika fuq medda qasira ta' żmien mhux direttament marbuta ma' għotja ta' grad universitarju konġunt jew duplikċi/doppju. L-appoġġ jinkludi għotjiet ta' mobilità għall-istudenti u l-membri tal-persunal akkademiku u amministrattiv ("fakultà").

Azzjoni 3 – Miżuri b'Orjentament Politiku

Din l-Azzjoni tipprovdi appoġġ għal proġetti u attivitajiet multilaterali bejn l-UE u l-Istati Uniti mfassla biex itejbu l-kollaborazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni ogħla u tat-taħriġ professjonali.

It-tul massimu tal-proġetti jiddependi mill-azzjoni u jvarja bejn 24 u 48 xahar. L-Attivitajiet huma ppjanati li jibdew fl-1.10.2011 u, skont l-azzjoni tal-programm, jispiċċaw sentejn jew erba' snin wara.

Proġetti ta' lawrja Transatlantiċi	48 xahar
Eċċellenza fil-Mobilità	48 xahar
Miżuri b'Orjentament Politiku	24 xahar

4. **Il-Kriterji tal-għoti**

Il-kriterji tal-għoti għal Proġetti ta' Lawrja Transatlantiċi u Proġetti għal Eċċellenza fil-Mobilità

Se jiġu applikati dawn il-kriterji ta' kwalità għad-determinazzjoni tal-punteġġ kumplessiv tal-kwalità ta' kull proposta eliġibbli:

L-importanza tal-proġett propost, (li jirrappreżenta 30 % tal-punteġġ totali).

Il-kwalità tad-disinn tal-proġett propost, (li jirrappreżenta 70 % tal-punteġġ totali).

Il-kriterji tal-għoti għall-Miżuri b'Orjentament Politiku

Se jiġu applikati dawn il-kriterji ta' kwalità għad-determinazzjoni tal-punteġġ kumplessiv tal-kwalità ta' kull proposta eliġibbli:

L-importanza tal-proġett propost, (li jirrappreżenta 30 % tal-punteġġ totali)

L-importanza tal-proġett propost, (li jirrappreżenta 70 % tal-punteġġ totali).

Deskrizzjoni iżjed dettajlata fuq il-kriterji tal-għoti tista' tinstab fil-gwida tal-programm.

Waqt l-għażla, ser tingħata prijorità lil (bil-kondizzjoni li l-proposta tirrappreżenta l-kwalità mistennija)

— proġetti li jitressqu minn konsorzji ta' istituzzjonijiet u dipartimenti ġodda kif ukoll istituzzjonijiet u dipartimenti li ma ngħatawx fondi bħala msieħba ewlenin fiż-żewġ proċeduri ta' selezzjoni preċedenti ta' Atlantis

— proposti li jiffukaw fuq edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ta' livell ogħla jew postsekondarju.

Iż-żewġ naħat iħeġġu proposti fl-oqsma kollha ta' suġġetti iżda se tingħata attenzjoni speċjali għall-applikazzjonijiet li jittrattaw il-kwistjonijiet tal-intraprenditorija, is-sostenibilità u l-ambjent.

5. **Baġit**

Il-baġit disponibbli min-naħa tal-UE jammonta għal madwar EUR 6,44 miljuni.

Għall-istituzzjonijiet tal-Istati Uniti ser jiġu pprovduti fondi komparabbli. Huwa antiċipat li:

— Ser jiġu ffinanzjati bejn seba' u għaxar proġetti ta' Azzjoni 1, b'massimu ta' EUR 428 000,

— Ser jiġu ffinanzjati bejn seba' u disa' proġetti ta' Azzjoni 2, b'massimu ta' EUR 180 000 u

— Ser jiġu ffinanzjati bejn ħames u seba' proġetti, b'massimu ta' EUR 70 000.

6. **Data ta' skadenza**

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi kemm lill-UE kif ukoll lill-Istati Uniti mhux aktar tard mis-**7 ta' April 2011**. L-applikazzjonijiet li jkollhom it-timbru postali wara din id-data ma jitqiesux.

L-applikant Ewropew irid jibgħat l-applikazzjoni lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura, f'dan l-indirizz:

L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura
EU-US Call 2011
Avenue du Bourget 1 — BOUR 02/17
1140 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

L-applikazzjonijiet f'isem l-istituzzjoni kap tal-UE għandhom jintbagħtu fil-formola korretta, mimlija kif suppost, iffirmata mill-persuna awtorizzata li tidħol f'impenji li jorbtu ġuridikament f'isem l-organizzazzjoni li qed tapplika u datata.

L-applikanti tal-UE li jeħtieġu iktar informazzjoni jistgħu jikkuntattjaw lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura f'dan l-indirizz elettroniku: EACEA-EU-US@ec.europa.eu

L-applikant Amerikan għandu jibgħat l-applikazzjoni lill-Istati Uniti u l-informazzjoni u l-istruzzjonijiet fil-pakkett tal-applikazzjoni jistgħu jinstabu http://e-grants.ed.gov

L-applikanti tal-Istati Uniti li jeħtieġu iktar informazzjoni, jekk jogħġobhom jikkuntattjaw:

Tanyelle Richardson
US Department of Education
International Studies Group
1990 K Street N.W.
Suite 6017
Washington, DC 20006-8521
UNITED STATES OF AMERICA

Tel. +1 2025027626
Fax +1 2025027869
Posta elettronika: tanyelle.richardson@ed.gov

7. **Aktar informazzjoni**

It-test tas-sejħa għall-gwida tal-programm u l-formoli tal-applikazzjoni huma disponibbli fuq il-websajt li ġejja:

http://eacea.ec.europa.eu/extcoop/usa/index_en.htm

L-applikazzjonijiet għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fit-test sħiħ u jintbagħtu bl-użu tal-formola pprovduta.